# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

17 ta' Marzu 2011 *

Fil-Kawża C-221/09,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Malta), permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Ġunju 2009, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-17 ta' Ġunju 2009, fil-proċedura

**AJD Tuna Ltd**

vs

**Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd,**

**Avukat Generali,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn J. N. Cunha Rodrigues, President tal-Awla, A. Arabadjiev, A. Rosas, A. Ó Caoimh u P. Lindh (Relatur), Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: il-Malti.

Avukat Ġenerali: V. Trstenjak,
Reġistratur: C. Strömholm, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-20 ta' Mejju 2010,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal AJD Tuna Ltd, minn J. Refalo u R. Mastroianni, avukati,

— għall-Gvern Malti, minn S. Camilleri, bħala aġent, assistit minn A. Buhagiar, avukat,

— għall-Gvern Grieg, minn I. Chalkias u S. Papaïoannou, bħala aġenti,

— għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn F. Arena, avvocato dello Stato,

— għall-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, minn M. Sims, G. Kimberley u A. Westerhof Löfflerova, kif ukoll minn M. Sammut, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn K. Banks kif ukoll minn E. Depasquale u D. Nardi, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-7 ta' Settembru 2010,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-validità u l-interpretazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 530/2008, tat-12 ta' Ġunju 2008, li jistabbilixxi miżuri ta' emerġenza fir-rigward ta' bastimenti bil-purse seines li jistadu għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45°W, u fil-Baħar Mediterran (ĠU L 155, p. 9, iktar 'il quddiem ir-"Regolament"), kif ukoll il-validità tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002, tal-20 ta' Diċembru 2002, dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 4, Vol. 5, p. 460, iktar 'il quddiem ir-"Regolament bażiku").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn, minn naħa, il-kumpannija AJD Tuna Ltd (iktar 'il quddiem "AJD Tuna") u, min-naħa l-oħra, id-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd u l-Avukat Ġenerali, dwar deċiżjoni li permezz tagħha dan id-direttur ipprojbixxa lil AJD Tuna milli tixtri jew timporta tonn f'Malta għall-finijiet tal-attivitajiet ta' tismin u ta' trobbija tagħha, liema deċiżjoni kienet intiża li timplementa r-Regolament.

## Il-kuntest ġuridiku

*Ir-Regolament bażiku*

3 Ir-Regolament bażiku jimplementa l-politika komuni tas-sajd fir-rigward tal-konservazzjoni, il-ġestjoni u l-isfruttar tar-riżorsi tas-sajd.

4 L-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament, intitolat "Għanijiet", jipprovdi:

"1. Il-Politika Komuni dwar is-Sajd għandha tiżgura l-isfruttar tar-riżorsi akwatiċi ħajjin li joħolqu [li joħloq] kondizzjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali sostenibbli.

Għal dan il-għan, il-Komunità għandha tapplika trattament kawt fit-teħid ta' miżuri maħsuba biex iħarsu u jikkonservaw riżorsi akwatiċi ħajjin, biex jaħsbu għall-isfruttar sostenibbli tagħhom u biex inaqqsu kemm jista' jkun l-impatt ta' l-attivitajiet tas-sajd fuq l-eko-sistemi tal-baħar. Għandha timmira lejn implimentazzjoni progressiva ta' trattament bażat fuq eko-sistema fl-amministrazzjoni ta' żoni tas-sajd. Għandha timmira biex tikkontribwixxi għal attivitajiet ta' sajd effiċjenti f'industrija ta' sajd u akwakultura ekonomikament vijabbli u kompetittiva [, filwaqt li tiżgura livell ta' ħajja ġust għal dawk li jiddependu mill-attivitajiet tas-sajd u filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni l-interessi tal-konsumaturi].

2. Il-Politika Komuni dwar is-Sajd għandha tiġi gwidata mill-prinċipji li ġejjin ta' governanza tajba:

a) definizzjoni ċara tar-responsabbiltajiet tal-Komunità, f'livelli nazzjonali u lokali;

b) proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet bażat fuq pariri xjentifiċi sodi li jagħtu riżultati fil-ħinijiet mistennija;

c) involviment wiesgħa ta' dawk kollha li għandhom xi interess fl-istadji kollha tal-politika mill-konċepiment sa' l-implimentazzjoni;

d) konsistenza ma' politika oħra tal-Komunità, b'mod partikolari ma' politika ambjentali, soċjali, dwar żvilupp, saħħa u ħarsien tal-konsumatur."

L-Artikolu 5 tar-regolament imsemmi, bit-titolu "Pjanijiet ta' rkupru", jipprovdi:

"1. Il-Kunsill għandu jadotta, bi prijorità, pjani ta' rkupru dwar ħażniet għall-isfruttar f'żoni tas-sajd li jinsabu barra mil-limiti bijoloġiċi bla periklu.

2. L-għan ta' pjanijiet ta' rkupru għandu jkun li jiżgura l-irkupru ta' ħażniet jinżamm f'limiti bijoloġiċi bla periklu.

[...]"

6 L-Artikolu 7 tal-istess regolament, bit-titolu "Miżuri ta' emerġenza tal-Kummissjoni", huwa fformulat kif ġej:

"1. Jekk ikun jidher li hemm xi theddida serja għall-konservazzjoni ta' riżorsi akwatiċi ħajjin, jew għall-eko-sistema tal-baħar b'riżultat ta' attivitajiet tas-sajd u jkun hemm bżonn ta' azzjoni immedjata, il-Kummissjoni, fuq it-talba sostanzjata ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, tista' tiddeċiedi fuq xi miżuri ta' emerġenza li m'għandhomx ikunu għal aktar minn sitt xhur. Il-Kummissjoni tista' tieħu deċiżjoni ġdida biex ittawwal iż-żmien dwar il-miżuri ta' emerġenza b'mhux aktar minn sitt xhur.

2. L-Istat Membru għandu jgħaddi t-talba fl-istess ħin lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali konċernati. Jistgħu jibagħtu l-kummenti tagħhom bil-miktub lill-Kummissjoni fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol wara li tkun waslet it-talba.

[...]

3. Il-miżuri ta' emerġenza għandhom jibdew iseħħu minnufih. Għandhom jiġu notifikati lill-Istati Membri konċernati, u pubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali.

[...]"

7 Skont l-Artikolu 20 tar-Regolament bażiku, bit-titolu "Allokazzjoni ta' opportunitajiet ta' sajd":

"1. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jiddeċiedi dwar il-limiti ta' qbid u/jew opportunitajiet tas-sajd u dwar l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri kif ukoll dwar il-kondizzjonijiet assoċjati ma' dawk il-limiti. Opportunitajiet tas-sajd għandhom

jitqassmu bejn l-Istati Membri b'mod li jassigura lil kull Stat Membru stabbilità relattiva ta' attivitajiet tas-sajd għal kull ħażna jew żona tas-sajd.

2. Meta l-Komunità tistabbilixxi opportunitajiet tas-sajd ġodda il-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar l-allokazzjoni ta' dawk l-opportunitajiet, waqt li jqis l-interessi ta' kull Stat Membru.

3. Kull Stat Membru għandu jiddeċiedi, għal bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu, dwar il-metodu kif jiġu allokati opportunitajiet tas-sajd assenjati lil dak l-Istat Membru skond il-liġi tal-Komunità. Għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar il-metodu ta' allokazzjoni.

4. Il-Kunsill għandu jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għal pajjiżi terzi f'ilmijiet tal-Komunità u jalloka dawk l-opportunitajiet lil kull pajjiż terz.

5. L-Istati Membri jistgħu, wara li javżaw lill-Kummissjoni, ibiddlu l-opportunitajiet kollha jew parti minnhom li jkunu allokati lilhom."

8 L-Artikolu 26 ta' dan ir-regolament, bit-titolu "Responsabbiltajiet tal-Kummissjoni", jipprovdi:

"[…]

2. Jekk ikun hemm xhieda li r-regoli dwar il-konservazzjoni, kontroll, spezzjonijiet jew infurzar skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd mhumiex qed jiġu mħarsa u li dan jista' jwassal għal theddida serja għall-konservazzjoni ta' riżorsi akwatiċi ħajjin jew għat-tħaddim effettiv ta' kontroll u infurzar Komunitarju u s-sistema ta' infurzar li jitolbu azzjoni urġenti, il-Kummissjoni għandha tinforma bil-miktub lill-Istat Membru konċernat b'dak li sabet u tistabbilixxi żmien ta' mhux inqas minn 15-il ġurnata li fih irid juri konformità u jagħti l-kummenti tiegħu. Il-Kummissjoni tieħu f'konsiderazzjoni il-kommenti ta' l-Istati Membri f'kull azzjoni li tista' tieħu skond il-paragrafu 3.

3. Jekk ikun hemm xhieda ta' riskju li l-attivitajiet tas-sajd li twettqu f'żona ġeografika partikolari jistgħu iwasslu għal theddida serja għall-konservazzjoni ta' riżorsi akwatiċi ħajjin, il-Kummissjoni tista' tieħu miżuri ta' prevenzjoni.

Dawn il-miżuri għandhom ikunu fi proporzjon għar-riskju ta' theddida serja għall-konservazzjoni ta' riżorsi akwatiċi ħajjin.

M'għandhomx idumu iżjed minn tliet ġimgħat. Jistgħu jiġu mtawla għal massimu ta' sitt xhur, safejn ikun meħtieġ għall-konservazzjoni ta' riżorsi akwatiċi ħajjin, b'deċiżjoni meħuda skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 30(2).

Il-miżuri għandhom jitwaqqfu minnufih meta l-Kummissjoni tara li r-riskju m'għadux hemm.

4. Fil-każ li l-kwota, allokazzjoni jew is-sehem disponibbli ta' Stat Membru jkunu kkunsidrati li ġew eżawriti, il-Kummissjoni tista', fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli, twaqqaf l-attivitajiet tas-sajd minnufih.

[...]"

*Il-leġiżlazzjoni speċifika għas-sajd għat-tonn*

Il-leġiżlazzjoni internazzjonali

9 Il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (International Convention for the Conservation of Atlantic Tunas, iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni"), iffirmata f'Rio de Janeiro (il-Brażil) fl-14 ta' Mejju 1966, u li daħlet fis-seħħ fil-21 ta' Marzu 1969, għandha bħala għan prinċipali li tiżgura l-aħjar konservazzjoni u mmaniġġjar tar-riżorsi tat-tonn fl-Oċean Atlantiku kif ukoll fl-ibħra b'konnessjoni miegħu. Dan l-għan għandu jintlaħaq permezz ta' kollaborazzjoni mill-qrib bejn il-partijiet kontraenti sabiex il-popolazzjonijiet ta' tonn jinżammu f'livelli li jippermettu produzzjoni massima sostnuta għal finijiet alimentari u finijiet oħrajn.

10 Għal dan il-għan, il-partijiet kontraenti qablu li jwaqqfu kummissjoni, imsejħa Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (International Commission for the Conservation of Atlantic Tunas, iktar 'il quddiem l-"ICCAT"), li r-rwol tagħha huwa li tiżgura li jintlaħqu l-għanijiet tal-Konvenzjoni.

11 Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE, tad-9 ta' Ġunju 1986 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 4, Vol. 1, p. 205), ġiet approvata l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Konvenzjoni, kif emendata bil-Protokoll mehmuż mal-Att Finali tal-Konferenza tal-Plenipotenzjarji tal-Istati li jifformaw Parti mill-Konvenzjoni ffirmata f'Pariġi fl-10 ta' Lulju 1984, adeżjoni li daħlet fis-seħħ fl-14 ta' Novembru 1997. Skont l-Artikolu XIV(6) tal-Konvenzjoni, fil-verżjoni li tirriżulta mill-protokoll imsemmi, b'effett minn din id-data, l-Unjoni daħlet għad-drittijiet u l-obbligi tal-Istati Membri li kienu diġà partijiet fil-Konvenzjoni. Għaldaqstant, hija ssostitwiethom fi ħdan l-ICCAT.

12 Matul il-laqgħa annwali tagħha ta' Novembru 2006, l-ICCAT adottat ir-Rakkomandazzjoni 06-05, li tistabbilixxi pjan ta' rkupru fuq ħmistax-il sena għat-tonn (Thunnus thynnus) tal-Atlantiku tal-Lvant u tal-Baħar Mediterran.

13 Sabiex l-istokk ikun jista' jirkupra, dan il-pjan jipprevedi tnaqqis progressiv fil-livell tal-qbid totali permess (iktar 'il quddiem it-"TAC") bejn l-2007 u l-2010, limitazzjonijiet tas-sajd f'ċerti żoni u matul ċerti perijodi, daqs minimu ġdid għat-tonn, miżuri li jikkonċernaw is-sajd sportiv u bħala passatemp, miżuri ta' kontroll, u l-implementazzjoni tal-programm ta' spezzjoni komuni internazzjonali adottat mill-ICCAT sabiex tiġi żgurata l-effiċjenza ta' dan il-pjan.

Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni

14 Il-Kunsill, inkonformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku, adotta r-Regolament (KE) Nru 1559/2007, tas-17 ta' Diċembru 2007, li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-irkupru tat-Tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 520/2007 (ĠU L 340, p. 8).

15 Skont l-Artikolu 1 tiegħu, l-għan tar-Regolament Nru 1559/2007 huwa li jiddefinixxi r-regoli ġenerali għall-applikazzjoni ta' pjan pluriennali għall-irkupru tat-tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran.

16 Il-premessi 3 u 5 ta' dan ir-regolament huwa fformulati kif ġej:

"(3) Sabiex tinbena mill-ġdid il-ħażna [ta' tonn], il-pjan ta' rkupru ICCAT jipprovdi għal tnaqqis gradwali tal-livell tal-Qabda Totali Permessa (TAC) mill-2007 sa l-2010, restrizzjonijiet fuq sajd ġewwa ċerti żoni u fuq perijodu ta' żmien [...]

[...]

(5) Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi implimentat il-pjan ta' rkupru ta' l-ICCAT fuq bażi permanenti permezz ta' Regolament [...] li jistabbilixxi pjan ta' rkupru kif previst fl-Artikolu 5 tar-Regolament [bażiku] [...]"

17 Skont l-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1559/2007, it-TAC iffissati mill-ICCAT, fir-rigward tal-istokkijiet tat-tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran, huma dawn li ġejjin: 28 500 tunnellata fl-2008, 27 500 tunnellata fl-2009 u 25 500 tunnellata fl-2010.

18 L-Artikolu 4 ta’ dan ir-regolament jippreċiża:

“1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-isforz tas-sajd tal-bastimenti tiegħu u n-nasses tiegħu huma proporzjonati għall-opportunitajiet tas-sajd għat-tonn disponibbli għal dak l-Istat Membru fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-baħar tal-Mediterran.

2. Kull Stat Membru għandu jfassal pjan tas-sajd annwali għall-bastimenti u n-nases tas-sajd għat-tonn fl-Atlantiku tal-lvant u fil-Baħar Mediterran. […]

3. Il-pjan ta’ sajd annwali għandu:

a) Jidentifika fost l-oħrajn il-bastimenti li huma aktar minn 24 metru inklużi fil-lista msemmija fl-artikolu 12 u l-kwota individwali allokata għalihom;

b) Jidentifika għall-bastimenti li huma inqas minn 24 metru u n-nases, jidentifika mill-inqas il-kwota allokata lill-organizzazzjonijiet produtturi jew gruppi ta’ bastimenti li jistgħadu b’tagħmir simili.

[...]”

19 L-Artikolu 5(2) tar-regolament imsemmi jipprovdi li s-sajd għat-tonn bil-purse seines għandu jkun ipprojbit fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran matul il-perijodu bejn l-1 ta’ Lulju u l-31 ta’ Diċembru.

20 L-Artikolu 12(1) tal-istess regolament jipprovdi li sa mhux iktar tard mill-"31 ta' Jannar 2008, kull Stat Membri għandu jibgħat elettronikament lill-Kummissjoni lista tal-bastimenti kollha tas-sajd li jtajru l-bandiera tiegħu u li jkunu awtorizzati li jistadu b'mod attiv għat-tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Baħar Mediterran bil-ħruġ ta' permess speċjali tas-sajd".

21 Il-Kunsill, skont l-Artikolu 20 tar-Regolament bażiku, adotta r-Regolament (KE) Nru 41/2007, tal-21 ta' Diċembru 2006, li jistabbilixxi għall-2007 l-opportunitajiet ta' sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati magħhom għal ċerti ħażniet ta' ħut u gruppi ta' ħażniet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Komunità u, għal bastimenti Komunitarji, f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti ta' qbid (ĠU 2007, L 15, p. 1), kif ukoll ir-Regolament (KE) Nru 40/2008, tas-16 ta' Jannar 2008, li jistabbilixxi għall-2008 l-opportunitajiet ta' sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati magħhom għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Komunità u, għal bastimenti Komunitarji f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti ta' qbid (ĠU L 19, p. 1).

22 Permezz ta' dawn ir-regolamenti, il-Kunsill adotta t-TAC skont it-tip ta' sajd u qasam l-opportunitajiet ta' sajd permezz ta' kwoti bejn l-Istati Membri.

23 Mill-Annessi ID ta' dawn ir-regolamenti jirriżulta li, fir-rigward tat-tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Baħar Mediterran, it-TAC kien adottat fil-kuntest tal-ICCAT. Għall-2007, it-TAC għal din iż-żona u għal din l-ispeċi ta' ħut kien stabbilit bħala 29 500 tunnellata, filwaqt li għall-2008 kien stabbilit bħala 28 500 tunnellata. Minn din il kwantità, 9 397,70 tunnellata għall-2007 u 16 210,75 tunnellata għall-2008 ngħataw lill-Komunità u ġew distribwiti kważi kompletament bejn ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru u r-Repubblika Portugiża, filwaqt li l-Istati Membri l-oħra, flimkien, ingħataw biss kwota ta' 30 tunnellata għas-sena 2007 u ta' 60 tunnellata għas-sena 2008.

24 Id-distribuzzjoni bejn l-Istati Membri prevista fir-Regolament Nru 40/2008 ġiet sussegwentement emendata bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 446/2008, tat-22 ta' Mejju 2008, li jadatta ċerti kwoti tat-tonn fl-2008 skont l-Artikolu 21(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93, li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika tas-sajd komuni (ĠU L 134, p. 11).

*Ir-Regolament*

25 Il-Kummissjoni adottat ir-Regolament fuq il-bażi tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament bażiku.

26 Il-premessi 1 sa 4, 6 sa 8 u 10 tar-Regolament huma fformulati kif ġej:

"(1) Ir-Regolament [...] Nru 40/2008 [...] jiffissa l-ammont ta' tonn li jista' jinqabad minn bastimenti li jistadu Komunitarji matul l-2008 fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45°W, u fil-Baħar Mediterran.

(2) Ir-Regolament [...] Nru 446/2008 [...] jibdel l-ammont ta' tonn li jista' jinqabad minn bastimenti li jistadu Komunitarji matul l-2008 fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45°W, u fil-Baħar Mediterran.

(3) Ir-Regolament [...] Nru 1559/2007 [...] jeżiġi li l-Istati Membri jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar il-kwoti individwali allokati lill-bastimenti tagħhom ta' aktar minn 24 metru.

(4) Il-Politika Komuni tas-Sajd hija mfassla b'tali mod li tiżgura l-vijabbiltà fuq tul ta' żmien tas-settur tas-sajd permezz ta' l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin abbażi ta' l-approċċ ta' prekawzjoni.

[...]

(6) Id-dejta li għandha, kif ukoll it-tagħrif miksub mill-ispetturi tal-Kummissjoni matul il-missjonijiet tagħhom fl-Istati Membri kkonċernati, juru li l-opportunitajiet ta' sajd tat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45°W, u fil-Baħar Mediterran allokati lil bastimenti li jistadu bil-purse seines li jtajru l-bandiera tal-Greċja, ta' Franza, ta' l-Italja, ta' Ċipru u ta' Malta jew li huma rreġistrati fihom se jitqiesu li ġew eżawriti fis-16 ta' Ġunju 2008 u li l-opportunitajiet ta' sajd għall-istess stokk allokati lil bastimenti li jistadu bil-purse seines li jtajru l-bandiera ta' Spanja jew li huma rreġistrati fiha se jitqiesu li ġew eżawriti fit-23 ta' Ġunju 2008.

(7) Il-kapaċità żejda tal-flotot ġiet ikkunsidrata mill-Kumitat Xjentifiku tal-[ICCAT] bħala l-fattur ewlieni li jista' jwassal għall-kollass ta' l-istokk tat-tonn tal-Lvant ta' l-Atlantiku u tal-Mediterran. Il-kapaċità żejda tal-flotot toħloq riskju għoli ta' aktar sajd mil-livell permissibbli. Barra minn hekk, il-kapaċità ta' sajd tal-ġurnata ta' bastiment wieħed li jistad bil-purse seines tant huwa għoli li l-livell ta' sajd tal-ġurnata jista' jintlaħaq jew jinqabeż malajr ħafna. F'dawn iċ-ċirkustanzi, kwalunkwe sajd żejjed minn din il-flotta joħloq theddida serja għall-konservazzjoni ta' l-istokk tat-tonn.

(8) Il-Kummissjoni qiegħda timmonitorja mill-qrib il-konformità mar-rekwiżiti kollha tar-regoli Komunitarji rilevanti mill-Istati Membri matul il-kampanja ta' sajd għat-tonn ta' l-2008. It-tagħrif li għandha, kif ukoll it-tagħrif li nkiseb

mill-ispetturi tal-Kummissjoni, juri li l-Istati Membri kkonċernati ma assigurawx konformità sħiħa mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1559/2007.

[...]

(10) Sabiex tiġi rrinforzata l-effettività ta' dawn il-miżuri mfassla biex jevitaw theddida serja għall-konservazzjoni ta' l-istokkijiet tat-tonn, operaturi Komunitarji għandhom ukoll jiġu pprojbiti milli jaċċettaw il-ħatt l-art, it-tqegħid f'gaġeġ għat-trobbija jew għat-tismin u t-trażbordi ta' tonn maqbud minn bastimenti li jistadu bil-purse seines fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45°W, u l-Mediterran."

27 L-Artikoli 1 sa 3 ta' dan ir-regolament jipprovdu:

"*Artikolu 1*

Is-sajd għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45°W, u fil-Baħar Mediterran minn bastimenti li jistadu bil-purse seines u li jtajru l-bandiera tal-Greċja, ta' Franza, ta' l-Italja, ta' Ċipru u ta' Malta jew li huma rreġistrati fihom għandu jiġi pprojbit mis- 16 ta' Ġunju 2008.

Għandu jiġi pprojbit ukoll, li stokk ta' dan it-tip jinżamm abbord, jitqiegħed f'gaġeġ għat-tismin jew għat-trobbija, u t-trażbord jew il-ħatt l-art minn dawk il-bastimenti minn dik id-data.

*Artikolu 2*

Is-sajd għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45°W, u fil-Baħar Mediterran minn bastimenti li jistadu bil-purse seines u li jtajru l-bandiera ta' Spanja jew li huma rreġistrati fiha għandu jiġi pprojbit mit-23 ta' Ġunju 2008.

Għandu jiġi pprojbit ukoll, li stokk ta' dan it-tip jinżamm abbord, jitqiegħed f'gaġeġ għat-tismin jew għat-trobbija, u t-trażbord jew il-ħatt l-art minn dawk il-bastimenti minn dik id-data.

*Artikolu 3*

1. Skond it-tieni paragrafu, mis-16 ta' Ġunju 2008, operaturi Komunitarji ma għandhomx jaċċettaw il-ħatt l-art, it-tqegħid f'gaġeġ għat-tismin jew għat-trobbija, jew it-trażbordi f'ilmijiet jew f'portijiet tal-Komunità ta' tonn maqbud fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45°W, u fil-Baħar Mediterran minn bastimenti li jistadu bil-purse seines.

2. Il-ħatt l-art, it-tqegħid fil-gaġeġ għat-tismin u għat-trobbija u t-trażbord f'ilmijiet jew f'portijiet tal-Komunità, ta' tonn maqbud fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45°W, u fil-Baħar Mediterran minn bastimenti li jistadu bil-purse seines u li jtajru l-bandiera ta' Spanja jew li huma rreġistrati fiha, għandhom ikunu konċessi sat- 23 ta' Ġunju 2008."

## Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

28 L-attività prinċipali ta' AJD Tuna, kumpannija bis-sede tagħha f'Malta, tikkonsisti fit-trobbija u t-tismin ta' tonn maqbud ħaj fil-Mediterran bil-għan li jinbiegħ lil operaturi kummerċjali. Hija għandha żewġ fish farms. Wieħed minn dawn il-fish farms għandu kapaċità ta' 2 500 tunnellata u l-ieħor kapaċità ta' 800 tunnellata.

29 Sussegwentement għall-adozzjoni tar-Regolament, id-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd żamm lil AJD Tuna milli takkwista u timporta f'Malta tonn għall-finijiet tal-attivitajiet tagħha.

30 Billi kkunsidrat li ma setgħetx takkwista l-kwantitajiet ta' tonn li fil-fehma tagħha kellha dritt takkwista, AJD Tuna ppreżentat rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tikseb kumpens għad-danni li allegatament ġarrbet minħabba l-imsemmija projbizzjoni, li fil-fehma tagħha kienet illegali, abbużiva u irraġonevoli.

31 Skont il-qorti tar-rinviju, AJD Tuna ssostni li, fir-rigward tas-sena 2008, hija kienet awtorizzata mill-ICCAT takkwista 3 200 tunnellata ta' tonn għall-finijiet tal-attivitajiet tagħha u li, għaldaqstant, hija kienet xtrat din il-kwantità mingħand sajjieda Franċiżi u Taljani qabel ma fetaħ l-istaġun tas-sajd. Il-projbizzjoni fir-rigward tal-akkwist u l-importazzjoni f'Malta ma kinitx tapplika biss għat-tonn maqbud fl-ibħra tal-Unjoni iżda wkoll għal dak maqbud barra minn dawn l-ibħra. B'hekk, AJD Tuna ma setgħetx takkwista l-kwantità ta' tonn li hija kellha dritt iżżomm fil-fish farms tagħha.

32 Il-qorti tar-rinviju għalhekk qieset li s-soluzzjoni tal-kawża kienet tiddependi mill-validità tar-Regolament.

33 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domandi preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Jekk ir-Regolament [...] inkwantu ma jiġġustifikax suffiċjentement ir-raġunijiet għat-teħid tal-miżuri ta' emerġenza adottati permezz tal-Artikoli 1, 2 u 3 tal-istess Regolament u ma jagħtix stampa ċara biżżejjed tal-motivazzjoni ta' tali miżuri, huwiex invalidu peress illi jivvjola l-Artikolu 253 tat-Trattat;

2) Jekk ir-Regolament [...], inkwantu fil-Premessi tiegħu ma jindikax adegwatament [minn naħa] l-eżistenza ta' theddida serja għall-konservazzjoni ta' riżorsi akwatiċi ħajjin jew għall-ekosistema tal-baħar b'riżultat ta' attivitajiet tas-sajd u [min-naħa l-oħra] il-bżonn li tittieħed azzjoni immedjata, huwiex invalidu peress illi jivvjola l-Artikolu 7(1) tar-Regolament [bażiku];

3) Jekk ir-Regolament [...] huwiex invalidu inkwantu l-miżuri li ttieħdu jċaħħdu lil operaturi Komunitarji bħas-soċjetà rikorrenti mill-aspettattivi leġittimi tagħhom mibnija fuq il-bażi tal-Ewwel Artikolu tar-Regolament [Nru 446/2008] tat-Tieni Artikolu tar-Regolament [bażiku];

4) Jekk l-Artikolu 3 tar-Regolament [...] huwiex invalidu minħabba li jivvjola l-prinċipju tal-proporzjonalità inkwantu jfisser illi[, fl-ewwel lok] ebda operatur Komunitarju ma jista' jġestixxi attività ta' ħatt fl-art jew tqegħid f'gaġeġ ta' tonn bl-iskop li jkabbar u jsemmen l-istess anke rispettivament għal tonn maqbud preċedentement u għalhekk perfettament f'konformità mar-Regolament [...] u[, fit-tieni lok] ebda operatur Komunitarju ma jista' jisvolġi dawn l-attivitajiet rispettivament għal tonn maqbud minn sajjieda li l-bastimenti tagħhom ma jtajrux il-bandiera ta' xi wieħed mill-Istati Membri elenkati fl-Ewwel

Artikolu tar-Regolament [...] anke jekk dan it-tonn ikun ġie maqbud konformement mal-kwoti stabiliti taħt [l-ICCAT];

5) Jekk ir-Regolament [...] huwiex invalidu minħabba li jivvjola l-prinċipju tal-proporzjonalità inkwantu l-Kummissjoni naqset milli turi illi l-miżura li kienet sejra tieħu kienet sejra tikkontribwixxi għat-tkabbir mill-ġdid tal-ħażna tat-tonn;

6) Jekk ir-Regolament [...], inkwantu jagħmel distinzjoni bejn purse seiners taħt il-bandiera Spanjola u dawk taħt il-bnadar tal-Greċja, l-Italja, Franza, Ċipru u Malta, u inkwantu jagħmel distinzjoni bejn dawn is-sitt Stati Membri u Stati Membri oħra, huwiex invalidu minħabba li l-miżuri adottati huma irraġonevoli u diskriminatorji fuq il-bażi tan-nazzjonalità kontra l-Artikolu 12 [KE];

7) Jekk ir-Regolament [...], inkwantu l-partijiet interessati u l-Istati Membri ma ngħataw ebda ċans li jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom qabel it-teħid tad-deċiżjoni, huwiex invalidu minħabba li l-prinċipji tal-ġustizzja kif protetti permezz tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ma ġewx rispettati;

8) Jekk ir-Regolament [...], inkwantu l-partijiet interessati u l-Istati Membri ma ngħataw ebda ċans li jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom qabel it-teħid tad-deċiżjoni, huwiex invalidu minħabba li l-prinċipju tal-kuntradittorju (*audi alteram partem*) bħala prinċipju ġenerali tad-Dritt Komunitarju ma ġiex rispettat;

9) Jekk l-Artikolu 7(2) tar-Regolament [bażiku] huwiex invalidu minħabba li l-prinċipju tal-kuntradittorju (*audi alteram partem*) bħala prinċipju ġenerali tad-Dritt Komunitarju u/jew il-prinċipji tal-ġustizzja kif protetti permezz tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ma ġewx rispettati, u konsegwentement jekk ir-Regolament [...], minħabba li huwa ibbażat fuq ir-Regolament [bażiku], huwiex invalidu;

10) Jekk, kemm-il darba jiġi deċiż mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej li r-Regolament [...] huwa validu, dan ir-Regolament għandux jiġi interpretat fis-sens illi l-miżuri stabbiliti permezz tal-Artikolu 3 tal-istess Regolament jipprojbixxu wkoll li operaturi Komunitarji jaċċettaw il-ħatt l-art, it-tqegħid f'gaġeġ għat-tismin jew għat-trobbija, jew it-trażbordi f'ilmijiet jew f'portijiet tal-Komunità ta' tonn maqbud fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45°W, u fil-Baħar Mediterran minn bastimenti li jtajru bandiera ta' xi Stat extra-Komunitarju u li jistadu bil-purse seines."

**Fuq it-talba għall-organizzazzjoni ta' miżuri istruttorji u/jew il-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura orali**

34 Permezz ta' att li wasal fir-Reġistru fid-19 ta' Ottubru 2010, il-Kummissjoni talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tordna miżuri istruttorji u/jew il-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura orali skont l-Artikoli 60 u 61 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

35 Permezz ta' att li wasal fir-Reġistru fis-27 ta' Ottubru 2010, il-Kunsill indika li kien qiegħed isostni t-talba tal-Kummissjoni.

36 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 61 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' *ex officio* jew fuq proposta tal-Avukat Ġenerali,

jew inkella fuq talba tal-partijiet, tordna l-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura orali, jekk hija tqis li ma għandhiex biżżejjed informazzjoni jew li l-kawża għandha tiġi deċiża fuq il-bażi ta' argument li ma ġiex diskuss bejn il-partijiet (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-26 ta' Ġunju 2008, Burda, C-284/06, Ġabra p. I-4571, punt 37, kif ukoll tat-8 ta' Settembru 2009, Liga Portuguesa de Futebol Profissional u Bwin International, C-42/07, Ġabra p. I-7633, punt 31).

37 Insostenn tat-talba tagħha, il-Kummissjoni tinvoka numru ta' lmenti fir-rigward tal-iżvolġiment tal-proċedura orali li, fil-fehma tagħha, jiġġustifikaw li l-Qorti tal-Ġustizzja tordna miżuri istruttorji u/jew il-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura orali sabiex jiġu ċċarati l-fatti li fuqhom huwa bbażat ir-Regolament.

38 L-ewwel nett, filwaqt li l-lingwa tal-kawża hija l-Malti, ir-rappreżentant ta' AJD Tuna esprima ruħu bit-Taljan, kif kien awtorizzat jagħmel mill-Qorti tal-Ġustizzja mingħajr ma kienu informati l-Kunsill u l-Kummissjoni.

39 Dwar dan il-punt għandu jitfakkar li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 29(2)(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura jippreċiża li, fuq talba ġustifikata minn waħda mill-partijiet fil-kawża prinċipali, u wara li jinstemgħu l-parti l-oħra fil-kawża prinċipali u l-Avukat Ġenerali, jista' jiġi awtorizzat l-użu, għall-proċedura orali, ta' waħda mil-lingwi l-oħra msemmija fl-Artikolu 29(1) tal-imsemmija regoli.

40 Permezz ta' ittra li waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-11 ta' Frar 2010, AJD Tuna talbet li tiġi awtorizzata tagħmel is-sottomissjonijiet orali tagħha bl-Ingliż jew bit-Taljan. Permezz ta' deċiżjoni tal-14 ta' April 2010, wara li nstemgħu l-partijiet l-oħra fil-kawża prinċipali u l-Avukat Ġenerali, il-President tat-Tieni Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja awtorizza lil AJD Tuna tagħmel is-sottomissjonijiet orali bit-Taljan. Peress li ma humiex partijiet fil-kawża prinċipali, il-Kunsill u l-Kummissjoni ma ġewx informati dwar din l-awtorizzazzjoni.

41 Il-Kummissjoni ssostni wkoll li, matul is-seduta, wieħed mill-aġenti tagħha, E. Depasquale, ma tħalliex iwieġeb għall-mistoqsijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja bl-Ingliż minkejja li l-Kummissjoni kienet kisbet awtorizzazzjoni sabiex l-aġenti tagħha jwieġbu b'din il-lingwa għall-mistoqsijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja.

42 Permezz ta' ittra ffirmata minn K. Banks, E. Depasquale u D. Nardi, li waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fid-19 ta' April 2010, il-Kummissjoni talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja li K. Banks u D. Nardi jiġu awtorizzati jwieġbu għall-mistoqsijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja bl-Ingliż. Il-President tat-Tieni Awla laqa' din it-talba fis-26 ta' April 2010.

43 Peress li t-talba tal-Kummissjoni kienet saret biss fir-rigward ta' K. Banks u D. Nardi, l-awtorizzazzjoni sabiex il-mistoqsijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja jitwieġbu bl-Ingliż ma setgħetx tikkonċerna lil E. Depasquale, minkejja li l-awtorizzazzjoni kienet iffurmulata f'termini ġenerali.

44 Barra minn hekk, kif tindika l-Kummissjoni, peress li l-Malti huwa l-lingwa materna ta' E. Depasquale, dan tal-aħħar ma kellux diffikultajiet sabiex iwieġeb b'din il-lingwa għall-mistoqsijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja.

45 Fir-rigward tal-kritika għall-kontenut tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, għandu jitfakkar li, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 252 TFUE, l-Avukat Ġenerali għandu d-dmir li jippreżenta fil-pubbliku, b'imparzjalità u b'indipendenza sħiħa, konklużjonijiet motivati dwar il-kawżi li, skont l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jeżiġu l-intervent tiegħu. Fl-eżerċizzju ta' dan il-kompitu huwa jista', jekk ikun il-każ, jeżamina talba għal deċiżjoni preliminari billi jqegħdha f'kuntest iktar wiesa' minn dak strettament definit mill-qorti tar-rinviju jew mill-partijiet fil-kawża prinċipali. Il-Qorti tal-Ġustizzja la hija marbuta bil-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali u lanqas bil-motivazzjoni li tagħti lok għall-imsemmija konklużjonijiet

(ara s-sentenza tal-11 ta' Novembru 2010, Hogan Lovells International, C-229/09, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra, punt 26).

46 F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li għandha l-informazzjoni neċessarja kollha sabiex tirrispondi għad-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju.

47 Għaldaqstant, it-talba għal miżuri istruttorji u għall-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura orali għandha tiġi miċħuda.

**Fuq id-domandi preliminari**

*Fuq is-seba' sad-disa' domandi*

48 Permezz ta' dawn id-domandi, li għandhom jiġu eżaminati flimkien u qabel id-domandi l-oħra, il-qorti tar-rinviju qiegħda tistaqsi dwar il-validità tar-Regolament kif ukoll dwar il-validità tal-Artikolu 7 tar-Regolament bażiku, li fuq il-bażi tiegħu ġie adottat ir-Regolament. B'mod iktar preċiż, din il-qorti qiegħda essenzjalment tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku huwiex invalidu minħabba li ma jipprovdix il-possibbiltà għall-Istati Membri u għall-partijiet ikkonċernati li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom lill-Kummissjoni meta din tkun qiegħda tikkunsidra, *ex officio*, li tadotta l-miżuri ta' emerġenza previsti fl-Artikolu 7(1) tar-regolament imsemmi, b'tali mod li dan jammonta għal ksur tal-prinċipju ta' kontradittorju u tal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

49 L-Artikolu 41 tal-Karta, li AJD Tuna qiegħda tinvoka l-ksur tiegħu, jistabbilixxi, b'mod partikolari, id-dritt ta' kull persuna li tinstema' qabel ma tittieħed fil-konfront tagħha miżura individwali li tolqotha b'mod negattiv. Minn dan jirriżulta li din id-dispożizzjoni ma tkoprix il-proċess tat-tfassil ta' atti ta' portata ġenerali.

50 Mid-definizzjoni mogħtija fl-Artikolu 288 TFUE jirriżulta li regolament huwa att ta' portata ġenerali, jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

51 Il-kriterju li jiddistingwi regolament minn deċiżjoni huwa jekk l-att inkwistjoni huwiex ta' portata ġenerali jew le (ara, b'mod partikolari, id-digriet tat-12 ta' Lulju 1993, Gibraltar u Gibraltar Development vs Il-Kunsill, C-168/93, Ġabra p. I-4009, punt 11). Att ikollu portata ġenerali jekk japplika għal sitwazzjonijiet iddeterminati b'mod oġġettiv u jekk jipproduċi effetti legali fir-rigward ta' kategoriji ta' persuni koperti b'mod ġenerali u astratt (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 1982, Alusuisse Italia vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, 307/81, Ġabra p. 3463, punt 9).

52 L-Artikolu 7(1) tar-Regolament bażiku jagħti lill-Kummissjoni s-setgħa tadotta miżuri sabiex telimina theddid serju għall-konservazzjoni ta' riżorsi akwatiċi ħajjin jew għall-ekosistema tal-baħar meta dan it-theddid ikun riżultat tal-attivitajiet tas-sajd. Għalhekk, il-miżuri adottati jolqtu lill-operaturi ekonomiċi fis-settur tas-sajd f'żona partikolari u għal speċi ħajja partikolari. Dan ifisser li l-miżura ta' emerġenza ma tiġix adottata fid-dawl tal-interessi tal-operaturi ekonomiċi iżda bil-għan waħdieni li jiġu kkonservati r-riżorsi akwatiċi ħajjin u l-ekosistema tal-baħar. Ir-regolamenti adottati fuq il-bażi tal-imsemmi Artikolu 7(1) japplikaw għal sitwazzjonijiet iddeterminati b'mod oġġettiv u jipproduċu effetti legali fir-rigward ta' kategoriji ta' persuni koperti

b'mod ġenerali u astratt, fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza.

53 Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet jirriżulta li l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku ma huwiex invalidu sa fejn ma jipprovdix, matul il-proċess ta' adozzjoni tal-miżuri ta' emerġenza previsti fl-Artikolu 7(1) ta' dan ir-regolament, għall-possibbiltà li jinġabru l-osservazzjonijiet tal-operaturi li jistgħu jintlaqtu minn dawn il-miżuri.

54 Barra minn hekk, l-Artikolu 47 tal-Karta, sa fejn jipprovdi li kull persuna li d-drittijiet u l-libertajiet tagħha ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni jkunu ġew vjolati għandha d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti, jafferma mill-ġdid il-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, li jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju li jirriżulta mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri (ara s-sentenzi tat-13 ta' Marzu 2007, Unibet, C-432/05, Ġabra p. I-2271, punt 37, kif ukoll tat-3 ta' Settembru 2008, Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, C-402/05 P u C-415/05 P, Ġabra p. I-6351, punt 335).

55 Sa fejn il-qorti tar-rinviju ma hijiex qiegħda tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-eventwali nuqqas ta' rispett tad-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti iżda dwar in-nuqqas ta' possibbiltà għall-partijiet ikkonċernati u għall-Istati Membri li jressqu l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom qabel ma l-Kummissjoni tadotta miżuri ta' emerġenza skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament bażiku, l-Artikolu 47 tal-Karta ma huwiex applikabbli.

56 Għaldaqstant, ir-risposta li għandha tingħata għas-seba' sad-disa' domandi hija li mill-eżami tad-domandi magħmula ma jirriżulta ebda element ta' natura li jaffettwa l-validità tar-Regolament jew il-validità tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku fid-dawl tal-prinċipju ta' kontradittorju u tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

*Fuq l-ewwel u t-tieni domandi*

57 Permezz ta' dawn id-domandi, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk ir-Regolament jissodisfax l-obbligu ta' motivazzjoni li jinsab fl-Artikolu 296(2) TFUE u, b'mod partikolari, jekk din il-motivazzjoni tistabbilixxix biżżejjed il-kundizzjonijiet li fihom il-Kummissjoni tista' taġixxi fuq il-bażi tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament bażiku.

58 Għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-motivazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 296(2) TFUE għandha tkun adattata għan-natura tal-att inkwistjoni u għandha tindika b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament tal-istituzzjoni, li tkun l-awtriċi tal-att, b'mod li l-persuni kkonċernati jkunu jistgħu jidentifikaw il-ġustifikazzjonijiet tal-miżura meħuda u b'mod li l-qorti kompetenti tkun tista' teżerċita l-istħarriġ tagħha. Ma huwiex meħtieġ li l-motivazzjoni tispeċifika l-punti ta' fatt u ta' liġi rilevanti kollha, sa fejn il-kwistjoni ta' jekk il-motivazzjoni ta' att tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 296(2) TFUE ma għandhiex tiġi evalwata biss fid-dawl tal-formulazzjoni tal-att, iżda wkoll fid-dawl tal-kuntest tiegħu u tal-ġabra ta' regoli legali li jirregolaw il-qasam ikkonċernat (ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-12 ta' Diċembru 2002, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni, C-5/01, Ġabra p. I-11991, punt 68; tal-15 ta' Lulju 2004, Spanja vs Il-Kummissjoni, C-501/00, Ġabra p. I-6717, punt 73, u tal-5 ta' Marzu 2009, Franza vs Il-Kunsill, C-479/07, punt 49).

59 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta wkoll li l-portata tal-obbligu ta' motivazzjoni tiddependi min-natura tal-att inkwistjoni u li, fir-rigward ta' atti li jkollhom portata ġenerali, il-motivazzjoni tista' sempliċement tindika, minn naħa, is-sitwazzjoni globali li wasslet għall-adozzjoni tiegħu u, min-naħa l-oħra, l-għanijiet ġenerali li dan l-att huwa intiż li jilħaq. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, b'mod partikolari, li jkun eċċessiv li tkun meħtieġa motivazzjoni speċifika għad-diversi għażliet tekniċi magħmula jekk l-att ikkontestat jirrifletti l-qofol tal-għan segwit mill-istituzzjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-7 ta' Novembru 2000, Il-Lussemburgu vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-168/98, Ġabra p. I-9131, punt 62; tad-9 ta' Settembru 2003,

Kik vs UASI, C-361/01 P, Ġabra p. I-8283, punt 102, kif ukoll tad-9 ta' Settembru 2004, Spanja vs Il-Kummissjoni, C-304/01, Ġabra p. I-7655, punt 51).

60 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li l-obbligu ta' motivazzjoni previst fl-Artikolu 296(2) TFUE jikkostitwixxi formalità sostanzjali li għandha tiġi distinta mill-kwistjoni tal-fondatezza tal-motivazzjoni, kwistjoni li taqa' taħt il-legalità fil-mertu tal-att kontenzjuż (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Settembru 2002, Spanja vs Il-Kummissjoni, C-113/00, Ġabra p. I-7601, punt 47, u Franza vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq, punt 50).

61 Fid-dawl tal-prinċipji li għadhom kemm ġew imfakkra, għandu jiġi mistħarreġ jekk ir-Regolament jissodisfax il-kundizzjonijiet ta' motivazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 296(2) TFUE.

62 Ir-Regolament ġie adottat fuq il-bażi tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament bażiku. Skont din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni tista', b'mod partikolari *ex officio*, tadotta miżuri ta' emerġenza taħt tliet kundizzjonijiet. L-ewwel nett, huwa meħtieġ li jkun hemm theddida serja għall-konservazzjoni tar-riżorsi akwatiċi ħajjin jew għall-ekosistema tal-baħar. It-tieni nett, din it-theddida għandha tkun ir-riżultat ta' attivitajiet tas-sajd. Fl-aħħar nett, għandu jkun hemm bżonn ta' azzjoni immedjata sabiex titwaqqaf it-theddida msemmija.

63 Fir-rigward tal-ġustifikazzjoni tal-eżistenza ta' theddida serja għall-konservazzjoni tal-istokkijiet tat-tonn, il-premessi 1 sa 3 tar-Regolament ifakkru l-importanza tat-TAC iffissati għat-tonn fil-kuntest tal-pjan pluriennali għall-irkupru tal-istokk ta' dan il-ħut. Barra minn hekk, mill-premessa 6 tar-Regolament jirriżulta li t-tagħrif miksub mill-ispetturi tal-Kummissjoni juri li l-opportunitajiet ta' sajd allokati lill-bastimenti li jistadu bil-purse seines kienu fir-riskju li jiġu eżawriti qabel it-tmiem normali tal-istaġun tas-sajd. Minn dan jirriżulta li l-Kummissjoni ssodisfat l-obbligu

ta' motivazzjoni tar-Regolament fir-rigward tal-eżistenza ta' theddida serja għall-konservazzjoni tal-istokk tat-tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran.

64 Fir-rigward tal-ġustifikazzjoni fir-rigward tat-theddida għall-konservazzjoni ta' dan l-istokk li tirriżulta mill-attivitajiet ta' sajd mill-bastimenti li jistadu bil-purse seines kif ukoll mill-ħatt sussegwenti ta' dan il-ħut mingħand l-operaturi Komunitarji, jirriżulta, minn naħa, mill-premessa 7 tar-Regolament, li l-Kumitat Xjentifiku tal-ICCAT jikkunsidra li l-kapaċità żejda ta' sajd ta' dawn il-bastimenti hija l-fattur ewlieni li jista' jwassal għall-kollass tal-istokk tat-tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran.

65 Min-naħa l-oħra, mill-premessa 8 tar-Regolament jirriżulta li t-tagħrif li għandha l-Kummissjoni juri li l-Istati Membri ma osservawx konformità sħiħa mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament Nru 1559/2007, li l-għan tagħhom huwa li jiġi żgurat l-irkupru tal-istokk tat-tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran.

66 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-osservanza tal-obbligi li għandhom l-Istati Membri taħt ir-regoli tal-Unjoni hija imperattiva sabiex jiġu żgurati l-protezzjoni tar-riżorsi tas-sajd, il-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u l-isfruttar sostenibbli tagħhom f'kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali adegwati (ara, fir-rigward tan-nuqqas ta' osservanza tas-sistema ta' kwoti għall-istaġuni tas-sajd tal-1991 sal-1996, is-sentenza tal-25 ta' April 2002, Il-Kummissjoni vs Franza, C-418/00 u C-419/00, Ġabra p. I-3969, punt 57).

67 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, jidher li l-motivazzjoni tar-Regolament turi suffiċjentement li kienet tirriżulta theddida serja għall-konservazzjoni tal-istokk tat-tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran mill-attività ta' sajd tal-bastimenti li jistadu bil-purse seines kif ukoll mill-ħatt sussegwenti ta' dan il-ħut mingħand l-operaturi Komunitarji.

68 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-urġenza li kien hemm sabiex jittieħdu dawn il-miżuri, il-premessa 4 tar-Regolament tfakkar li l-politika komuni tas-sajd hija intiża li tiżgura l-vijabbiltà fit-tul tas-settur tas-sajd permezz ta' sfruttar sostenibbli tar-riżorsi akwatiċi ħajjin, ibbażat fuq l-osservanza tal-prinċipju ta' prekawzjoni. Ir-riferiment għall-għan segwit mill-Unjoni u l-konstatazzjoni ta' eżawriment imminenti tal-kwoti tas-sajd allokati lill-bastimenti li jistadu bil-purse seines, fi kwalunkwe każ qabel it-tmiem normali tal-istaġun tas-sajd, jikkostitwixxu motivazzjoni suffiċjenti tal-urġenza li biha kellha taġixxi l-Kummissjoni inkonformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni.

69 Għaldaqstant, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel u t-tieni domandi hija li mill-eżami tad-domandi magħmula ma rriżulta ebda element ta' natura li jaffettwa l-validità tar-Regolament fid-dawl tar-rekwiżit ta' motivazzjoni li jirriżulta mill-Artikolu 296(2) TFUE.

*Fuq it-tielet domanda*

70 Permezz ta' din id-domanda, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk ir-Regolament huwiex invalidu sa fejn il-miżuri previsti minnu jċaħħdu lill-operaturi Komunitarji mill-aspettattivi leġittimi li huma kienu bnew fuq l-iffissar tal-kwoti tas-sajd għat-tonn, b'mod partikolari mir-Regolament Nru 446/2008.

71 Għandu jitfakkar li d-dritt li tiġi invokata l-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi japplika għal kull individwu li jkun jinsab f'sitwazzjoni li minnha jirriżulta li l-amministrazzjoni Komunitarja ħolqitlu tamiet ġustifikati (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-11 ta' Marzu 1987, Van den Bergh en Jurgens u Van Dijk Food Products (Lopik) vs KEE, 265/85, Ġabra p. 1155, punt 44, kif ukoll tal-15 ta' Lulju 2004, Di Lenardo u Dilexport, C-37/02 u C-38/02, Ġabra p. I-6911, punt 70).

72 Informazzjoni preċiża, inkundizzjonata, koerenti u li toriġina minn sorsi awtorizzati u affidabbli tikkostitwixxi assigurazzjoni li tista' toħloq tali tamiet, irrispettivament mill-forma li fiha tiġi kkomunikata (ara s-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2010, Kahla Thüringen Porzellan vs Il-Kummissjoni, C-537/08 P, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra, punt 63). Għall-kuntrarju, ħadd ma jista' jinvoka ksur ta' dan il-prinċipju fin-nuqqas ta' assigurazzjonijiet preċiżi mogħtija lilu mill-amministrazzjoni (ara s-sentenzi tat-22 ta' Ġunju 2006, Il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni, C-182/03 u C-217/03, Ġabra p. I-5479, punt 147, kif ukoll tal-25 ta' Ottubru 2007, Komninou *et* vs Il-Kummissjoni, C-167/06 P, punt 63).

73 Bl-istess mod, meta operatur ekonomiku prudenti u informat ikun f'pożizzjoni li jipprevedi l-adozzjoni ta' miżura Komunitarja ta' natura li tolqot l-interessi tiegħu, dan l-operatur ma jistax jinvoka l-benefiċċju ta' tali prinċipju meta din il-miżura tiġi adottata (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Van den Bergh en Jurgens u Van Dijk Food Products (Lopik) vs KEE, punt 44, kif ukoll Il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni, punt 147).

74 Kif issostni ġustament il-Kummissjoni, l-operaturi Komunitarji ma rċevew ebda assigurazzjoni mill-Kummissjoni fis-sens li huma kienu ser jirċievu l-kwantità kollha ta' tonn li fir-rigward tagħha kienu kkonkludew kuntratti mas-sajjieda.

75 Barra minn hekk, il-possibbiltà li jittieħdu miżuri li jkollhom l-effett li jwaqqfu l-istaġun tas-sajd qabel id-data normali hija prevista, b'mod partikolari, fl-Artikoli 7(1) u 26(4) tar-Regolament bażiku. L-operaturi Komunitarji, li l-attività tagħhom tikkonsisti fix-xiri ta' tonn għall-finijiet tat-trobbija u tat-tismin, ma jistgħux jinvokaw il-benefiċċju tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi peress li jistgħu jipprevedu li tali miżuri jistgħu jiġu adottati.

76 Għaldaqstant, ir-risposta li għandha tingħata għat-tielet domanda hija li mill-eżami tad-domanda magħmula ma rriżulta ebda element ta' natura li taffettwa l-validità tar-Regolament fid-dawl tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

*Fuq ir-raba' u l-ħames domandi*

77 Permezz ta' dawn id-domandi, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk ir-Regolament imurx kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità sa fejn jipprevedi, b'effett minn data partikolari, il-projbizzjoni għall-operaturi Komunitarji li jaċċettaw il-ħatt jew it-tqegħid f'gaġeġ għall-finijiet tat-tismin jew tat-trobbija ta' tonn anki jekk dan ikun inqabad qabel din id-data jew minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stati terzi. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi wkoll dwar in-natura adegwata tal-miżuri adottati permezz tar-Regolament sabiex jintlaħaq l-għan tal-irkupru tal-istokk tat-tonn.

78 Fir-rigward tad-data tal-qbid tat-tonn kopert mill-projbizzjoni tal-ħatt, għandu jiġi osservat li mill-premessa 10 tar-Regolament jirriżulta li l-projbizzjoni imposta fuq l-operaturi Komunitarji fir-rigward tal-ħatt, tat-tqegħid f'gaġeġ għall-finijiet tat-tismin jew tat-trobbija kif ukoll tat-trażbordi fl-ibħra jew fil-portijiet Komunitarji ta' tonn maqbud minn bastimenti li jistadu bil-purse seines fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45°W, u fil-Baħar Mediterran, kienet imposta sabiex tissaħħaħ l-effikaċja tal-miżuri li jipprojbixxu s-sajd u għalhekk hija biss aċċessorja għal dawn il-miżuri. Għaldaqstant, l-Artikolu 3 tar-Regolament għandu jinqara, fid-dawl tal-Artikoli 1 u 2 tal-istess regolament, fis-sens li l-projbizzjoni imposta fuq l-operaturi ma tikkonċernax it-tonn maqbud qabel is-16 ta' Ġunju 2008 jew it-23 ta' Ġunju 2008, skont il-bandiera tal-bastiment, irrispettivament mid-data tal-ħatt tiegħu.

79 Mill-bqija, għandu jitfakkar li l-prinċipju ta' proporzjonalità, li jagħmel parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, jeżiġi li l-mezzi implementati permezz ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni jkunu adegwati sabiex jintlaħaq l-għan segwit u li dawn il-mezzi ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-għan (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' Diċembru 2004, Swedish Match, C-210/03, Ġabra p. I-11893, punt 47, kif ukoll tas-7 ta' Lulju 2009, S.P.C.M. *et*, C-558/07, Ġabra p. I-5783, punt 41).

80 Skont ġurisprudenza stabbilita, f'dan il-qasam tal-agrikoltura, li jinkludi s-sajd, il-leġiżlatur tal-Unjoni għandu setgħa diskrezzjonali wiesgħa li tikkorrispondi għar-responsabbiltajiet politiċi mogħtija lilu taħt l-Artikoli 40 TFUE sa 43 TFUE. Għaldaqstant, l-istħarriġ tal-qorti għandu jkun limitat għal verifika ta' jekk il-miżura inkwistjoni hijiex ivvizzjata bi żball manifest jew b'użu ħażin ta' poter u ta' jekk l-awtorità inkwistjoni qabżitx b'mod manifest il-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-12 ta' Lulju 2001, Jippes *et*, C-189/01, Ġabra p. I-5689, punt 80; tad-9 ta' Settembru 2004, Spanja vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 23, kif ukoll tat-23 ta' Marzu 2006, Unitymark u North Sea Fishermen's Organisation, C-535/03, Ġabra p. I-2689, punt 55).

81 Fir-rigward tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-kundizzjonijiet tal-implementazzjoni ta' dan il-prinċipju, fid-dawl tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li għandu l-leġiżlatur tal-Unjoni fil-qasam tal-politika agrikola komuni, li jinkludi s-sajd, hija biss in-natura manifestament inadegwata ta' miżura adottata f'dan il-qasam, fir-rigward tal-għan li l-istituzzjoni kompetenti jkollha l-intenzjoni ssegwi, li tista' taffettwa l-legalità ta' tali miżura (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Unitymark u North Sea Fishermen's Organisation, iċċitata iktar 'il fuq, punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata).

82 Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tivverifika jekk il-projbizzjoni imposta fuq l-operaturi Komunitarji fir-rigward tal-ħatt, tat-tqegħid f'gaġeġ għall-finijiet tat-tismin jew tat-trobbija kif ukoll tat-trażbordi fl-ilmijiet jew fil-portijiet Komunitarji

ta' tonn maqbud mis-16 jew mit-23 ta' Ġunju 2008, minn bastimenti li jistadu bil-purse seines fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45°W, u fil-Baħar Mediterran, kinitx manifestament inadegwata.

83 Meta adotta r-Regolament Nru 1559/2007, l-għan tal-Kunsill kien li jimplementa l-pjan ta' rkupru għat-tonn irrakkomandat mill-ICCAT. Dan l-irkupru għandu jitwettaq, kif inhu mfakkar fil-premessa 3 ta' dan ir-regolament, permezz ta' tnaqqis progressiv tat-TAC. Dawn tal-aħħar, li l-kwantità tagħhom hija mfakkra fl-Artikolu 3 ta' dan ir-regolament, huma maqsuma bejn l-Unjoni u l-partijiet kontraenti l-oħra tal-ICCAT. Għaldaqstant, l-osservanza tal-kwoti allokati lill-Istati Membri hija neċessarja sabiex jintlaħaq l-għan tal-irkupru tal-istokk tat-tonn. Għalhekk, il-miżuri li jipprojbixxu s-sajd meħuda mill-Kummissjoni fir-Regolament minħabba li l-eżawriment tal-kwoti kien imminenti ma humiex manifestament inadegwati.

84 Bl-istess mod, il-projbizzjoni imposta fuq l-operaturi Komunitarji fir-rigward tal-ħatt, tat-tqegħid f'gaġeġ għall-finijiet tat-tismin jew tat-trobbija kif ukoll tat-trażbordi fl-ilmijiet jew fil-portijiet Komunitarji ta' tonn maqbud mis-16 jew mit-23 ta' Ġunju 2008, irrispettivament mill-bandiera tal-bastiment li jistad bil-purse seines u li jkun qabad dan it-tonn, ma hijiex manifestament inadegwata sa fejn tippermetti wkoll li jintlaħaq l-għan li jiġu osservati t-TAC, li t-tnaqqis tagħhom għandu jwassal, fl-aħħar mill-aħħar, għall-irkupru tal-istokk tat-tonn.

85 Għaldaqstant, ir-risposta li għandha tingħata għar-raba' u l-ħames domandi hija li mill-eżami tad-domandi magħmula ma rriżulta ebda element ta' natura li jaffettwa l-validità tar-Regolament fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

*Fuq is-sitt domanda*

86 Permezz ta' din id-domanda, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk ir-Regolament huwiex invalidu minħabba li jagħmel distinzjoni, minn naħa, bejn il-bastimenti li jistadu bil-purse seines u li jtajru l-bandiera Spanjola jew huma rreġistrati f'dan l-Istat Membru (iktar 'il quddiem il-"purse seiners Spanjoli") u dawk li jtajru l-bandiera Maltija, Griega, Franċiża, Taljana u Ċiprijotta jew huma rreġistrati f'dawn l-Istati Membri (iktar 'il quddiem il-"purse seiners l-oħra") u, min-naħa l-oħra, bejn dawn is-sitt Stati Membri u l-Istati Membri l-oħra u minħabba li, għalhekk, joħloq diskriminazzjoni bbażata fuq iċ-ċittadinanza bi ksur tal-Artikolu 12 KE.

87 Għandu jiġi ppreċiżat li r-Regolament jikkonċerna biss il-bastimenti li jistadu għat-tonn bil-purse seines u ma jikkonċernax is-sajd għat-tonn b'metodi oħra ta' sajd, b'mod partikolari b'metodi artiġjanali.

88 L-osservanza tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni teħtieġ li sitwazzjonijiet paragunabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati bl-istess mod sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament ġustifikat (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-17 ta' Ottubru 1995, Fishermen's Organisations *et*, C-44/94, Ġabra p. I-3115, punt 46; tat-30 ta' Marzu 2006, Spanja vs Il-Kunsill, C-87/03 u C-100/03, Ġabra p. I-2915, punt 48, kif ukoll tat-8 ta' Novembru 2007, Spanja vs Il-Kunsill, C-141/05, Ġabra p. I-9485, punt 40).

89 Qabel kollox, għandu jiġi kkonstatat li l-Istati Membri li ma humiex koperti mir-Regolament kienu f'sitwazzjoni differenti mill-Istati Membri l-oħra. Fil-fatt, fir-rigward tas-sena 2008, ebda bastiment li jistad bil-purse seines u li jtajjar il-bandiera tal-Istati Membri li ma jissemmewx fir-Regolament ma kien ġie awtorizzat, skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament Nru 1559/2007, jistad għat-tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran.

90 Fir-rigward tal-Istati Membri koperti mir-Regolament, il-Kummissjoni awtorizzat lill-purse seiners Spanjoli jistadu għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45°W, u fil-Baħar Mediterran, iżommuh abbord, iqiegħduh f'gaġeġ għall-finijiet tat-tismin jew tat-trobbija, jittrażbordawh, jittrasferuh kif ukoll iħottuh sat-23 ta' Ġunju 2008, filwaqt li dawn l-attivitajiet kienu pprojbiti għall-purse seiners l-oħra sa mis-16 ta' Ġunju 2008.

91 Permezz ta' dan l-istess regolament, il-Kummissjoni awtorizzat lill-operaturi Komunitarji jaċċettaw il-ħatt, it-tqegħid f'gaġeġ għall-finijiet tat-tismin jew tat-trobbija kif ukoll it-trażbord ta' tonn maqbud f'din iż-żona sat-23 ta' Ġunju 2008 mill-purse seiners Spanjoli filwaqt li dawn l-attivitajiet kienu pprojbiti fir-rigward tat-tonn maqbud mill-purse seiners l-oħra sa mis-16 ta' Ġunju 2008.

92 Ir-Regolament għalhekk ittratta b'mod differenti lil dawn iż-żewġ kategoriji ta' bastimenti skont il-bandiera jew l-Istat ta' reġistrazzjoni tagħhom kif ukoll lill-operaturi Komunitarji skont jekk kinux innegozjaw mal-purse seiners Spanjoli jew le. Għandu jiġi vverifikat jekk kienx hemm raġunijiet oġġettivi li jiġġustifikaw din id-differenza fit-trattament.

93 Għandu jitfakkar li l-elementi li jikkaratterizzaw sitwazzjonijiet differenti u n-natura komparabbli tagħhom għandhom, b'mod partikolari, jiġu ddeterminati u evalwati fid-dawl tas-suġġett u tal-għan tal-att tal-Unjoni li jistabbilixxi d-distinzjoni inkwistjoni (ara, b'analoġija, is-sentenzi tas-16 ta' Diċembru 2008, Arcelor Atlantique u Lorraine *et*, C-127/07, Ġabra p. I-9895, punt 26, kif ukoll tat-18 ta' Novembru 2010, Kleist, C-356/09, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra, punt 34).

94 Ir-Regolament ġie adottat fuq il-bażi tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament bażiku. Skont din id-dispożizzjoni, u kif tfakkar fil-punt 62 ta' din is-sentenza, il-Kummissjoni tista', b'mod partikolari *ex officio*, tadotta miżuri ta' emerġenza taħt tliet kundizzjonijiet. L-ewwel nett, huwa meħtieġ li jkun hemm theddida serja għall-konservazzjoni tar-riżorsi akwatiċi ħajjin jew għall-ekosistema tal-baħar. It-tieni nett, din it-theddida għandha tkun ir-riżultat ta' attivitajiet tas-sajd. Fl-aħħar nett, għandu jkun hemm bżonn ta' azzjoni immedjata sabiex titwaqqaf it-theddida msemmija. Fir-rigward ta' dan il-punt tal-aħħar, l-Artikolu 7(3) tar-Regolament bażiku jippreċiża li dawn il-miżuri ta' emerġenza għandhom jidħlu fis-seħħ immedjatament.

95 Għalhekk, jirriżulta li, meta taġixxi fuq il-bażi tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għandha tapplika, skont l-Artikolu 2(1) ta' dan ir-regolament, "trattament kawt fit-teħid ta' miżuri maħsuba biex iħarsu u jikkonservaw riżorsi akwatiċi ħajjin", trattament li skont din l-istess dispożizzjoni jikkostitwixxi mezz adegwat sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika komuni tas-sajd.

96 Barra minn hekk, fl-implementazzjoni tal-miżuri meħuda fuq il-bażi tal-Artikolu 7 tar-Regolament bażiku, differenza fit-trattament tista' tkun ġustifikata jekk tippermetti li jintlaħqu aħjar l-għanijiet ta' konservazzjoni tar-riżorsi akwatiċi ħajjin jew ta' protezzjoni tal-ekosistema tal-baħar.

97 Fir-rigward tar-Regolament, il-Kummissjoni kkunsidrat li kien hemm theddida serja għall-konservazzjoni tal-istokk tat-tonn fiż-żona marittima koperta minn dan ir-regolament u li din it-theddida kienet tirriżulta mill-attivitajiet ta' sajd tal-bastimenti li jistadu bil-purse seines. Fil-fatt, mill-premessa 7 tar-regolament imsemmi jirriżulta, minn naħa, li hemm kapaċità żejda ta' flotot ta' bastimenti li jistadu bil-purse seines u,

min-naħa l-oħra, li l-kapaċità ta' sajd ta' kull bastiment hija tant għolja li t-TAC seta' jintlaħaq malajr ħafna, jekk mhux ukoll jinqabeż.

98 Sabiex tiġġustifika d-differenza fir-rigward tad-data tad-dħul fis-seħħ tal-miżura ta' projbizzjoni għall-purse seiners Spanjoli, il-Kummissjoni sostniet li, fid-dawl tan-numru żgħir tagħhom, dawn il-bastimenti ma kinux fir-riskju li jaqbżu l-kwota ta' qbid mogħtija lilhom qabel it-23 ta' Ġunju 2008 filwaqt li, fid-dawl tan-numru kbir tagħhom, dan ir-riskju kien jeżisti sa mis-16 ta' Ġunju 2008 għall-purse seiners l-oħra.

99 Kif sostniet ġustament il-Kummissjoni, hija ma waqqfitx l-attivitajiet ta' sajd għat-tonn fuq il-bażi tal-Artikolu 26(4) tar-Regolament bażiku peress li tali miżura tissupponi li tkun ġiet eżawrita l-kwota mogħtija lil Stat Membru, li ma kienx il-każ hawnhekk. L-għan li xtaqet tilħaq il-Kummissjoni kien sempliċement li twaqqaf tip ta' sajd, jiġifieri s-sajd permezz ta' bastimenti li jistadu bil-purse seines, u dan f'sitwazzjoni fejn il-kwota mogħtija lill-Istati Membri kienet għadha ma ntlaħqitx.

100 Fid-dawl tal-ispjegazzjonijiet mogħtija lill-Qorti tal-Ġustizzja, ma jidhirx li hemm differenzi oġġettivi bejn il-bastimenti li jistadu bil-purse seines skont il-bandiera tagħhom jew l-Istat Membru fejn huma rreġistrati, fir-rigward tal-kapaċitajiet tagħhom li jistadu għat-tonn u fir-rigward tal-impatt tagħhom fuq l-eżawriment tal-istokkijiet ta' din il-ħuta. La ntwera u lanqas ma ġie sostnut, fuq dan il-punt, li l-purse seiners Spanjoli kienu differenti mill-purse seiners l-oħra koperti mir-Regolament.

101 Għalhekk, minkejja li l-Kummissjoni tindika li hija ma adottatx il-miżuri ta' projbizzjoni minħabba r-riskju li jiġu eżawriti l-kwoti mogħtija lill-Istati Membri, għandu jiġi kkonstatat li d-differiment għat-23 ta' Ġunju 2008 tad-dħul fis-seħħ

tal-miżuri ta' projbizzjoni għall-purse seiners Spanjoli huwa bbażat biss fuq ir-riskju li jiġu eżawriti l-kwoti, anki jekk b'riferiment biss għall-kwoti allokati lil dawn il-purse seiners. Għaldaqstant, id-differenza fit-trattament li tirriżulta minn dan id-differiment tidher li hija bbażata biss fuq il-proporzjon bejn in-numru ta' dawn il-purse seiners u l-kwota ta' qbid ta' tonn li kienet allokata lilhom.

102 Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet jirriżulta li, filwaqt li l-azzjoni tal-Kummissjoni kienet intiża sabiex tevita l-kollass tal-istokk tat-tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran u filwaqt li l-Kummissjoni ttrattat b'mod differenti lill-bastimenti li jistadu bil-purse seines meta mqabbla ma' bastimenti oħra jew ma' tagħmir tas-sajd ieħor billi bbażat ruħha, kif jintqal fil-punt 98 ta' din is-sentenza, fuq il-kapaċità tagħhom li jeżawrixxu l-istokk tat-tonn, hija ddifferiet għat-23 ta' Ġunju 2008 d-dħul fis-seħħ tal-miżuri ta' projbizzjoni għall-purse seiners Spanjoli billi bbażat ruħha biss fuq il-kapaċità teoretika tagħhom li jilħqu l-kwota ta' qbid tagħhom u mhux fuq il-kapaċità reali tagħhom li jaqbdu tonn.

103 Fil-fatt, kif osservat l-Avukat Ġenerali fil-punt 125 tal-konklużjonijiet tagħha, mill-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Kummissjoni jirriżulta li l-kwota ta' kull Stat Membru kienet maqsuma skont in-numru tal-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' jew li huma rreġistrati f'dan l-Istat. Matul is-sena 2008, il-131 bastiment li jistadu bil-purse seines awtorizzati sabiex jistadu għat-tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran kienu maqsuma kif ġej: 1 Ċiprijott, 4 Maltin, 6 Spanjoli, 16 Griegi, 36 Franċiżi u 68 Taljani. Il-kwota individwali għall-purse seiners ta' iktar minn 24 metru kienet ta' bejn 110 u 120 tunnellata għall-purse seiners Franċiżi, ta' 52 tunnella għall-purse seiners Taljani u ta' bejn 251 sa 352 tunnellata għall-purse seiners Spanjoli.

104 Il-Kummissjoni spjegat ukoll, matul is-seduta, li l-purse seiners Spanjoli jistadu essenzjalment fiż-żona tal-Baleari u jibdew l-istaġun tas-sajd tagħhom ġimgħa wara l-purse seiners l-oħra. Madankollu, il-Kummissjoni ssostanzjat l-affermazzjonijiet tagħha biss permezz tad-dokument li jinsab fl-Anness 6 tal-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha. Issa, minn dan id-dokument jirriżulta, minn naħa, li l-purse seiners Spanjoli qabdu tonn fiż-żona tal-Baleari mill-inqas sa mis-27 ta' Mejju 2008 u,

min-naħa l-oħra, li l-purse seiners Franċiżi jistadu fl-istess żona u fl-istess perijodu u li, għaldaqstant, is-sitwazzjoni tal-purse seiners Spanjoli ma kinitx unika.

105 F'dan ir-rigward għandu jiġi osservat li l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 1559/2007 jipprojbixxi s-sajd għat-tonn permezz ta' bastimenti li jistadu bil-purse seines fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran bejn l-1 ta' Lulju u l-31 ta' Diċembru, mingħajr ma hija prevista eċċezzjoni għall-purse seiners Spanjoli minħabba li jibdew l-istaġun tas-sajd tagħhom iktar tard.

106 Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha jirriżulta li ma huwiex stabbilit li l-purse seiners Spanjoli kienu f'sitwazzjoni oġġettivament differenti minn dik tal-purse seiners l-oħra koperti mir-Regolament, sitwazzjoni li kieku kienet tiġġustifika, fir-rigward tagħhom, id-differiment għat-23 ta' Ġunju 2008 tad-dħul fis-seħħ tal-miżuri ta' projbizzjoni sabiex jiġu protetti aħjar l-istokkijiet tat-tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran.

107 Għaldaqstant, filwaqt li kienet qiegħda taġixxi, fuq il-bażi tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament bażiku, bil-għan li telimina t-theddida ta' kollass tal-istokk tat-tonn tal-Atlantiku tal-Lvant u tal-Mediterran minħabba l-attività tal-bastimenti li jistadu bil-purse seines, il-Kummissjoni ddifferiet sat-23 ta' Ġunju 2008 id-dħul fis-seħħ tal-miżuri ta' projbizzjoni ta' sajd għall-purse seiners Spanjoli biss, mingħajr ma dan id-dewmien addizzjonali huwa oġġettivament ġustifikat fid-dawl tal-għan imfittex.

108 Meta aġixxiet b'dan il-mod, il-Kummissjoni ttrattat b'mod differenti l-purse seiners Spanjoli u l-purse seiners l-oħra mingħajr ma din id-differenza fit-trattament hija oġġettivament ġustifikata. Minn dan isegwi li dan il-ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni jaffettwa l-validità tar-Regolament sa fejn il-purse seiners Spanjoli ġew awtorizzati jaqbdu tonn wara s-16 ta' Ġunju 2008 u jżommu abbord,

iqiegħdu f'gaġeġ għall-finijiet tat-tismin jew tat-trobbija, jittrażbordaw, jittrasferixxu u jħottu l-art dan it-tonn wara din id-data.

109 Fir-rigward tal-operaturi Komunitarji, dawk imsemmija fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament kienu kkonkludew kuntratti ta' xiri ta' tonn mal-purse seiners Spanjoli u setgħu jaċċettaw il-ħatt, it-tqegħid f'gaġeġ għall-finijiet tat-tismin jew tat-trobbija kif ukoll it-trażbordi ta' tonn maqbud minn dawn il-purse seiners bejn is-16 ta' Ġunju 2008 u t-23 ta' Ġunju 2008.

110 Għall-kuntrarju, l-operaturi msemmija fl-Artikolu 3(1) tal-istess regolament u li, bħal AJD Tuna, kienu kkonkludew tali kuntratti ma' purse seiners oħra, kellhom jirrifjutaw li jwettqu dawn l-operazzjonijiet fir-rigward tat-tonn maqbud minn dawn il-purse seiners sa mis-16 ta' Ġunju 2008. Dawn iż-żewġ kategoriji ta' operaturi Komunitarji ġew ittrattati b'mod differenti u din id-differenza fit-trattament hija l-konsegwenza diretta tad-differenza fit-trattament mhux ġustifikata li minnha bbenefikaw il-purse seiners Spanjoli.

111 Fil-fatt, il-possibbiltà għall-operaturi Komunitarji li kienu kkonkludew kuntratti mal-purse seiners Spanjoli li jaċċettaw il-ħatt, it-tqegħid f'gaġeġ għall-finijiet tat-tismin jew tat-trobbija kif ukoll it-trażbordi ta' tonn maqbud minn dawn il-purse seiners bejn is-16 ta' Ġunju 2008 u t-23 ta' Ġunju 2008 ma hijiex ġustifikata peress li dawn l-operaturi jinsabu f'sitwazzjoni oġġettivament ekwivalenti għal dik tal-operaturi l-oħra.

112 Dan il-ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni jaffettwa l-validità tar-Regolament sa fejn l-operaturi Komunitarji li kienu kkonkludew kuntratti ta' xiri ta' tonn mal-purse seiners Spanjoli setgħu jkomplu bl-operazzjonijiet tagħhom fir-rigward tat-tonn maqbud mis-16 ta' Ġunju 2008 minħabba l-awtorizzazzjoni ta' qbid li bbenefikaw minnha dawn il-purse seiners wara din id-data.

113 Għaldaqstant, ir-risposta li għandha tingħata għas-sitt domanda hija li r-Regolament huwa invalidu sa fejn, filwaqt li ġew adottati fuq il-bażi tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament bażiku, il-projbizzjonijiet li huwa jistabbilixxi jidħlu fis-seħħ fit-23 ta' Ġunju 2008 fir-rigward tal-purse seiners Spanjoli u l-operaturi Komunitarji li kkonkludew kuntratti magħhom filwaqt li dawn il-projbizzjonijiet jidħlu fis-seħħ fis-16 ta' Ġunju 2008 fir-rigward tal-purse seiners l-oħra u l-operaturi Komunitarji li kkonkludew kuntratti magħhom, mingħajr ma din id-differenza fit-trattament hija oġġettivament ġustifikata.

114 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għas-sitt domanda, ma hemmx lok li tingħata risposta separata għall-għaxar domanda magħmula.

**Fuq l-ispejjeż**

115 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla), taqta' u tiddeċiedi:

1) **Mill-eżami tad-domandi magħmula ma jirriżulta ebda element ta' natura li jaffettwa l-validità tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 530/2008, tat-12 ta' Ġunju 2008, li jistabbilixxi miżuri ta' emerġenza fir-rigward ta' bastimenti bil-purse seines li jistadu għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45°W, u fil-Baħar Mediterran, jew il-validità tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002, tal-20 ta' Diċembru 2002,**

**dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd, fid-dawl tal-prinċipju ta' kontradittorju u tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva.**

2) **Mill-eżami tad-domandi magħmula ma jirriżulta ebda element ta' natura li jaffettwa l-validità tar-Regolament Nru 530/2008 fid-dawl tar-rekwiżit ta' motivazzjoni li jirriżulta mill-Artikolu 296(2) TFUE, tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u tal-prinċipju ta' proporzjonalità.**

3) **Ir-Regolament Nru 530/2008 huwa invalidu sa fejn, filwaqt li ġew adottati fuq il-bażi tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 2371/2002, il-projbizzjonijiet li huwa jistabbilixxi jidħlu fis-seħħ fit-23 ta' Ġunju 2008 fir-rigward tal-bastimenti li jistadu bil-purse seines u li jtajru l-bandiera Spanjola jew huma rreġistrati f'dan l-Istat Membru u l-operaturi Komunitarji li kkonkludew kuntratti magħhom filwaqt li dawn il-projbizzjonijiet jidħlu fis-seħħ fis-16 ta' Ġunju 2008 fir-rigward tal-bastimenti li jistadu bil-purse seines u li jtajru l-bandiera Maltija, Griega, Franċiża Taljana u Ċiprijotta jew huma rreġistrati f'dawn l-Istati Membri u l-operaturi Komunitarji li kkonkludew kuntratti magħhom, mingħajr ma din id-differenza fit-trattament hija oġġettivament ġustifikata.**

Firem